**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 239/00***

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Luciano Vella***

Illum 11 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tad-droga **eroina** u fl-ahhar granet qabel din id-data; **Recidivita**' u ksur tal-kondizzjoni tas-sentenzi sospizi datati 28.6.94 u 14.7.95 fl-istess ismijiet;

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-imputat, u hadet konjizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Neil Harrison, u f' dan il-ka, jidhrilha li ghandha timponi multa fuq l-akkuzi (a) u (c) sabiex isservi lill-imputat bhala deterrent adegwat; u in propositu ghal-akkuza (b) din il-qorti fic-cirkostanzi thoss li m-ghandhiex tordna li l-piena ta' prigunerija kontemplata fis-sentenzi fuq indikati tibda fis-sehh, imma ghandha tghati ordni ai termini tas-sub inciz 2(b) tal-Artikolu 28B tal-Kap.9

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u l-Artikoli 49 u 50 Kap.9 u ***tikkundannah ghall-piena ta' tlett mitt lira maltin (LM300) multa*** bil-fakolta' li jhallasha f' rati mensili ta' mhux anqas minn LM25 bid-dekadenza mill-beneficju tat-termini fil-kaz li l-imputat jonqos milli jhallas pagament wiehed.

Inoltre **tbiddel l-ordni orginali** - mghamula bis-sahha tas-sub artikolu 1 tal-artikolu 28A tal-Kap.9, kontenuta fis-sentenza mghotija minn din il-Qorti fl-14 ta' Lulju 1995 fl-istess ismijiet – billi minflok ***il-perijodu operattiv hemm specifikat l-piena hemm indikata tkun sospiza ghal zmien sena millum***.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***